**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 28 ta' Frar 2018**

**Talba Nru: 3/18 CZ**

**Duncan Sant (ID 65479 (M)**

**vs.**

**Entity Malta Industrial Parks Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur imressqa fid-9 ta' Jannar 2018 li permezz taghha ppremetta:

Kif kont qed insuq il-vettura tieghi tat-tip BMW b'velocita' ta' madwar 35 kilometru fis-siegha biswit il-fabbrika ta' Halmann fid-direzzjoni tat-triq principali ta'

Hal-Far, dhalt go toqba mdaqqsa (madwar metru wisgha, fonda madwar 8cm) li hemm fl-imsemmija triq bir-rizultat li l-karozza sofriet dawn il-hsarat:

Qasma fit-tyre ta' quddiem naha tal-passiggier. It-tajer kellu jinbidel minhabba li baqax sigur ghas-sewqan.

Qasma fit-tyre ta' wara naha tal-passiggier. It-tajer kellu jinbidel minhabba li tqatta' b'tali mod li ma jzommx arja.

'Wheel alignment' kawza tat-toqba.

Illi permezz ta' risposta prezentata fit-22 ta' Jannar 2018, is-socjeta' konvenuta eccepiet:

1. Preliminarjament, in-nullita' tat-talba stante li ma saritx ittra ufficcjali ai termini ta' l-Artiklu 460 tal-Kap. 12 (applikabbli fil-kaz odjern a tenur tal-Kap. 169 u 583 [sic] tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess:
   (i) Illi l-eccipjenti mhux responsabbli ghall-akkadut;
   (ii) Illi fi kwalunkwe kaz trid issir prova tal-fatti;
   (iii) Illi fi kwankwe kaz l-ammont reklamat huw esagerat.
3. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

   Bl-ispejjez.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Sema' x-xiehda tal-konvenut.

Ra l-verbal tas-seduta tas-7 ta' Frar 2018 li permezz taghha l-avukat difensur tas-socjeta' konvenuta preciza li b'referenza ghal l-ewwel eccezzjoni jispecifika li r-riferenza ghal Kap 583 fir-risposta tas-Socjeta konvenuta ghandha titiehed bhala wahda ghal Kap 573.

Ra illi f'dik l-istess seduta saret trattazzjoni u l-partijiet talbu li l-kawza tithalla ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni.

Sema' s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jirreklama hlas ta' danni li huwa sofra kawza ta' hsarat fil-karozza wara li ghadda minn hofra fil-qasam industrijali ta' Hal-Far u kellu jibdel zewg tyres u jaghmel wheel alignment.

Illi t-Tribunal ha jillimita ruhu ghall-ewwel eccezzjoni u cioe' dik tan-nullita' tat-talba u dan peress li skond is-socjeta' konvenuta messha saret ittra ufficcjali da parte ta' l-attur, qabel ma dan propona l-kawza odjerna. Is-socjeta' konvenuta sserrah fil-fatt fuq il-Kap. 169 u Kap. 573 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi kwantu ghall-istat tas-socjeta' konvenuta f'dawn it-tip ta' kawzi, kien hemm diga' insenjament tal-qrati nostrani, li ghalkemm kienu precedenti ghad-dhul fis-sehh tal-Kap. 573 tal-Ligijiet ta' Malta tal-lum, jistghu mandankollu xorta jigu applikati ghas-sitwazzjoni tal-lum.

Illi t-Tribunal ser jaghmel referenza ghas-sentenza *Paul Licari vs. Malta Industrial Parks Limited*[1] li fil-fehma tat-Tribunal gabret tajjeb il-mod kif il-ligi tolqot lil din il-kumpanija partikolari u xi stat ghandha meta tigi biex tigi mharrka minn terzi. F'dik is-sentenza kien intqal:

Il-qorti hi tal-fehma li wasal iz-zmien li dan il-provvediment jigi rivedut ghallinqas fejn jirreferi ghall-prezentata ta' kawza, in kwantu jaf iwassal ghal spejjez u hela ta' zmien bla bzonn jekk tintlaqa' l-eccezzjoni. Jistghu jinstabu mezzi ohra fejn l-ghan tal-provvediment jigi salvagwardjat minghajr ma jkollok provvediment b'konsegwenza tant iebsa.

Jirrizulta li Malta Industrial Parks Limited hi kumpannija registrata fit-28 ta' Novembru 2001 fir-Registru tal-Kumpanniji. L-azzjonisti taghha huma, sehem wiehed Malta Investment Management Company Limited u 9,999 il-Ministeru tal-Finanzi12. Ghalhekk m'hemmx dubju li ghalkemm kumpannija privata, hi tal-Gvern.

Skond l-Artikolu 2 tal-Ordninanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Kap. 169), id-drittijiet u responsabbiltajiet dwar proprjeta tal-Gvern jew amministrata minnu, ghaddiet ghand il-Kumissarju tal-Artijiet. B'dan li fir-rigward ta' certu proprjeta r-responsabbilta kienet inghatat lill-Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta.

Skond l-Avviz Legali 360 tal-2004 b'effett mill-15 ta' Lulju 2004:-

*"Malta Industrial Parks Limited (C 28965) hija msemmija bhala l-awtorità kompetenti ghall-finijiet ta' l-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet.".*

Hu evidenti li din il-kumpannija hadet post il-Korporazzjoni. Il-Gvern jista' jopera wkoll permezz ta' agenzija, korporazzjoni u kumpanniji privati registrati taht l-Att dwar il-Kumpanniji.

Skond l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, li jipprovdi ghal stharrig ta' eghmil amministrattiv:-

*"awtorità pubblika" tfisser il-Gvern ta' Malta, maghdudin il-Ministeri u dipartimenti tieghu, awtoritajiet lokali u kull korp maghqud kostitwit permezz ta' ligi.".*

Kif osservat il-konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet, f'sentenza li nghatat fid-29 ta' Settembru 2009 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili14 qalet li Malta Industrial Parks Limited hi awtorita pubblika skond id-definizzjoni tal-Artikolu 469A tal-Kap.12. Imbaghad fis-sentenza **V.G. Tiles Company Limited vs Malta Industrial Parks Limited** deciza fit-13 ta' Mejju 2010 gie ddikjarat li l-Artikolu 460 japplika ghall-konvenuta wara li l-qorti adottat dak li kien inghad fis-sentenza Euro Chemie Products Limited vs Malta Industrial Parks Limited.

Fl-Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet (Kap. 169) jinghad li:-

*"id-disposizzjonijiet tal-artikolu 181, tas-Subtitolu VI u VII tat-Titolu VIII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb, l-artikolu 590(2), l-artikolu 627, l-artikolu 637 u l-artikolu 873 tal-Kodici ta'*

[1] Prim'Awla tal-Qorti Civili – 18 ta' Settembru 2012, per Onor. Imhallef Anthony Ellul

> *Organizazzjoni u Procedura Civili ghandhom japplikaw, **għar-rigward ta' dawk l-artijiet**, għall-Korporazzjoni għal Zvilupp ta' Malta u għaċ-Chairman tal-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta, skont il-każ.".*
>
> Fost il-provvedimenti li jissemmew f'dan il-proviso, hemm l-Artikolu 460 tal-Kap. 12, li qieghed f'Titolu VIII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb. L-azzjoni tal-atturi hi in segwitu ghall-ordni ta' zgumbrament li kien gie ezegwit mill-Korporazzjoni ghal Zvilupp ta' Malta taht il-Kap. 169 tal-Ligijiet ta' Malta. Meta tnehhew l-oggetti mill-fond in kwistjoni, Malta Industrial Parks Limited ma kenitx tezisti.
>
> Ghalkemm il-konvenuta ma hargitx l-ordni ta' zgumbrament u ma kenitx il-persuna li ezegwitu, u ma jirrizultax li qatt kellha l-mobbli fil-pussess taghha, tibqa' llegittimu kontradittur gialadarba qeghda tirraprezenta l-Gvern, li ghaddielha r-responsabbiltajiet li qabel kienu tal-Koporazzjoni, u fil-fatt hi tal-Gvern. Kieku ma kienx hekk it-talba tal-attrici zgur li ma setatx tigi ndirizzata fil-konfront taghha. Wiehed ghalhekk ma jifhimx kif il-fatt li hi kumpannija privata jista' jbiddel id-decizjoni li tinghata fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni. Fil-fehma tal-qorti ma jkunx hemm konsistenza li wiehed ighid li kieku gie mharrek il-Kummissarju tal-Artijiet jew il-Korporazzjoni japplika l-Artikolu 460 tal-Kap. 12, imma ghaliex Malta Industrial Parks Limited hi kumpannija privata tal-Gvern il-provvediment ma japplikax[2].
>
> Hu car li fil-qadi tad-dmirijiet taghha Malta Industrial Parks Limited qeghda taqdi funzjonijiet pubblici, in kwantu xogholha hu li tamministra z-zoni industrijali proprjeta tal-Gvern. F'dawn ic-cirkostanzi l-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn din il-kumpannija ma tikkwalifikax ukoll bhala awtorita pubblika, iktar u iktar meta tqies li hi tal-Gvern. Dan irrispettivament mill-fatt li fl-istatut tal-kumpannija jinghad li hi "*private limited company*".
>
> Mequsja dawn il-fatturi kollha l-qorti hi tal-fehma li l-konvenuta ghandha dritt li tinvoka l-Artikolu 460 tal-Kap. 12.

Illi ghalkemm il-Kap. 169 tal-Ligijiet ta' Malta thassar bl-Att XXVII ta' l-2017, xorta jibqa' illi f'Artikolu 6 tal-Kap. 573 tal-Ligijiet ta' Malta illum wiehed isib artikolu simili ghal dak li kien Artikolu 2 tal-Kap. 169 tal-Ligjiet ta' Malta. Fil-fatt Artikolu 6 jipprovdi illi:

> L-artikoli 181, 249(4), 460, 466, 467, 590(2), 627, 637, 837(2),873 u 905(a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom japplikaw għall-awtorità kompetenti.

Jekk wiehed jara Artiklu 2 ta' l-istess Kap. 573, ghandu jsib definizzjoni ta' 'awtorita' ' jew 'awtorita' kompetenti', fis-sens li jintqal:

[2] Sottolinear tat-Tribunal

> "awtorità" jew "awtorità kompetenti" jfissru l-Awtorità tal-Artijiet stabbilita skont l-artikolu 5 tal-Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet jew kull persuna jew entità oħra li bil-liġi jew b'kuntratt hija fdata li tamministra art tal-Gvern;

Illi skond dak li ntqal fis-sentenza fuq citata u fis-sentenzi l-ohra riportati f'dik l-istess sentenza minn dik il-Qorti, is-socjeta' konvenuta jista' jinghad li hija awtorita' kompetenti li giet fdata biex tamministra art tal-gvern. Fil-fatt dan hu propju li taghmel, tamministra art tal-gvern, konsistenti f'oqsma industrijali.

Illi fic-cirkostanzi t-Tribunal ghalhekk sejjer jilqa' l-ewwel eccezzjoni.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, u jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju. L-ispejjez jithallsu mill-attur.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur